MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-12 ta' April, 2010

Numru. 31/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Norbert Ciappara)**

**Versus**

**Jonathan Mifsud**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Jonathan Mifsud ta' 23 sena mwieled il-Pieta' fis-6 ta' Settembru 1982 iben Anthony u Doris nee Desira residenti numru 4 Dorant Triq Palazzi Żejtun u li għandu l-karta tal-identita' bin-numru 481482 (M)

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer fit-23 t'April 2005 u fl-aħħar ġranet ta' qabel din id-data:

a) kellu fil-pussess tiegħu mediċina ristretta u psikotropika (ecstasy) mingħajr awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonjiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta, u r-Regolaemnti dwar il-kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kenitx għall-użu esklussiv tiegħu;

b) kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi l-Ordnijiet tal-Avukat Ġenerali tat-22 ta' Jannar 2007, iċ-ċertifikat tat-twelid bin-numru 4814 tas-sena 1982, il-fedina penali tal-imputat (fol 5), l-istqarrija tal-imputat (fol 8), il-proċess verbal redatt mill-Maġistrat Dr Dennis Montebello (fol 12), il-konferma tal-esperti maħtura waqt l-injkesta, il-ħatra tal-Probation Officer sabiex iħejji Social and Inquiry Report dwar l-imputat (fol 27) u r-rapport imħejji mill-Probation Officer.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni.

Ikkonsidrat

Skond il-Prosekuzzjoni l-imputat kien twaqqaf fit-Tattingers Disco bejn it-23 u l-24 t'April 2005 u fuqu nstabu 38 pillola ecstasy.

Fl-istqarrija tiegħu l-imputat għall-ewwel qal li dawn kienu għalih (fol 8), iżda imbagħad qal li jekk kien ser jinqala' xi ħadd huwa kien lest li jbiegħhom. Huwa kien xtrahom Lm3 kull waħda u kien ser ibiegħhom Lm5 kull waħda. Huwa qal ukoll li kellu l-habit tad-droga u kien juża madwar tleit darbeit fil-ġimgħa.

Is-Sur Godwin sammut ikkonferma li l-pilloli (38) kien fihom is-sustanza Methylenedioxymethamaphetamine (MDMA) waqt li PS 239 Joseph Caruana u PS 198 Arthur Debattista ikkonfermaw il-kontenut tar-rapporti tagħhom.

PS 1086 Johann Micallef xehed li bejn it-23 u l-24 t'April 2005 huwa kien innota lill-imputat tiela' lejn it-Tattingers, jitbaxxa u jirranġa l-klazetti. Il-Pulizija marru fuqu u kif neħħa l-kalzetti waqggħu ammont ta' pilloli.

PC Trevor Cassar Mallia kkonferma dak li qal PS 1086 Johann Micallef. (fol 19).

**Xhieda tal-imputat**

L-imputat xehed l li huwa kien qal lill-Pulizija :

'Ngħid li jekk jinqala' xi ħadd jiena kont sejjer inbiegħ minnhom iżda ma kont għadni bgħett xejn minnhom'

**għaliex kien imbeżża' (fol 28).**

Illum il-ġurnata qed jaħdem u huwa clean mid-droga. Kien qed imur il-Caritas kull ġimgħa u kien qed jistenna biex jidħol programm.

Xehed ukoll missier l-imputat li qalli ibnu kien iriforma. Il-ġenituri kienu ħadmu ħafna biex ġabuh 'il quddiem.

Xehdet omm l-imputat li qalet li binha kein qed jattendi l-Caritas kull ġimgħa. Bħal issa kien qed jagħmel kors fl-MCAST (fol 36).

Fl-aħħarnett xehdet il-Probation Officer Marietta Lanzon. Din qalet li Jonathan Mifsud kien inħakem mill-vizzju tad-droga meta kien fil-Form 4 fejn beda juża l-ħaxixa u jixrob xorb alkoħoliku. Huwa beda jabbuża mill-eroina kellu dsatax-il sena. L-imputat dejjem ħadem u kellu trobbija tajba ħafna.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

**L-Ewwel Imputazzjoni**

L-ewwel imputazzjoni hija dwar pussess aggravat ta' ecstasy. Mill-provi jirriżulta li l-Pulizija avviċinaw lill-imputat meta rawh jaġixxi b'mod suspetgtuż f'post miftuħ għall-pubbliku. Il-Pulizija elevaw 38 pillola minn fuq l-imputat li kien ħbiehom .

Fil-fehma tal-Qorti dan huwa numru elevat misjub fuq l-imputat propju f'post pubbliku. Fl-istqarrija l-imputat għall-ewwel qal li dawn kienu għalih. Il-Qorti ma ssibx li din il-verżjoni hija waħda affidabbli meta wieħed iqis li l-imputat kien instab dan l-ammont porpju f'post pubbliku fejn jikkonkorru ħafna nies. Barra dan, ħadd ma jibla' 38 f'pillola ecstasy f'lejl wieħed. Għalhekk l-ammont u ċ-ċirkostanza fejn kienu moħbijin huma biżżejjed bħala prova li l-imputat kellha dan l-ammont ta' pilloli fuqu biex ibiegħhom.

Id-Difiża ssottomettiet li fl-istqarrija l-imputat l-ewwel qal lie kienu għalih u imbagħad qal li kien ser ibigħhom. Il-Qorti ma tara ebda kontradizzjoni f'dan. Fit-tieni mistoqsija li saritlu, l-imputat tfakkar mill-Uffiċjal Investigattiv x'kien qal il-jum ta' qabel lill-istess Spettur. Kien hawn li l-imputat qal li kellu l-intenzjoni li jbigħ l-ecstasy.

L-imputat qal li kien qal dan il-kliem lill-Pulizija fl-istqarrija għax kien imbeżżża'. Il-Qorti ma ssibx li dan huwa attendibbli stante li bniedem li qed jibża' ma jagħtix dettalji ta' kemm kien ser jaqla' u saħansitra jikkoreġi l-figura li kien ta l-Ispettur.

Fl-aħħarnett id-Difiża ssottomettiet li l-intenzjoni waħidha ma tagħmilx prova fit-tentattiv. Bir-rispett kollu l-ewwel imputazzjoni mhix dwar tentattiv ta' bejgħ iżda dwar pussess aggravat u għalhekk ix-xenarju huwa għal kollox differenti.

Fil-fehma tal-Qorti, ix-xhieda forensika u okulari – wkoll li kieku wieħed jeskludi x'qal l-imputat fl-istqarrija – xorta huma sodi biżżejjed bħala prova ta' pussess aggravat. F'każi deċiżi mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ammonti ta' 12-il pillola, tqiesu bħala prova biżżejjed għall-pussess aggravat. U pussess ta' 35 pillola tqies ukoll bħala pussess aggravat.

F'dan il-każ ma kienx hemm il-gravanti ta' post fejn jattendu ż-żgħażagħ.

Iżda mill-bqija l-Qorti qed tikkonkludi li l-Prosekuzzjoni ippruvat l-ewwel imptuazzjoni u qed issib lill-imputat ħati tagħha.

**It-Tieni Imputazzjoni**

Il-Pulizija ppruvat din l-imputazzjoni għaliex l-imputat ammetta din l-imputazzjoni fl-istqarrija stess. Għalhekk il-Qorti qed issib lill-imputat ħati tat-tieni imputazzjoni.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti, wara li rat ir-regolament 3(1) tal-Avviż Legali 22 tas-sena 1985, l-artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(i) tal-Kap 31 kif ukoll ir-regolament 9 tal-GN 292/1939, it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a),**

**22(2)(b)(ii) tal-Kap 101 issib lill-imputat ħati taż-żewġ imputazzjonijiet dedotti kontrih. Dwar il-piena, il-Qorti qed tikkonsidra r-rapport favorevoli tal-Probation Officer u li l-imputat għamel progress minn dak iż-żmien sa llum.**

**Għalhekk il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat għall-piena ta' priġunerija ta' tmien xhur kif ukoll għall-ħlas ta' multa ta' €680 liema multa tista' titħallas b'rati ta' 50 Ewro kull erba' ġimgħat bl-ewwel pagament iseħħ fi żmien erba' ġimgħat mil-lum. Jekk ma jitħallasx xi pagament, il-bilanċ irid jitħallas f'daqqa. Jekk xi parti mill-multa ma titħallasx din għandha tinbidel f'jum priġunerija għal kull €11.65 li m jitħallsux.**

**Ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9, il-Qorti mhix qed tikkundanna lill-imputat iħallas l-ispejjeż maħtura matul l-inkjesta għax din saret qabel is-16 ta' Jannar 2006.**

**Il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-droga taħt il-ħarsien tar-Reġistratur.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------